ARĊIDJOĊESI TA' MALTA



# NIRRESTAWRAW IL-FESTI FLIMKIEN

Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Festi
Titulari, Sekondarji u oħrajn relatati
fil-Knejjes Parrokkjali u Knejjes oħra



ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

# NIRRESTAWRAW IL-FESTI FLIMKIEN

Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Festi
Titulari, Sekondarji u oħrajn relatati
fil-Knejjes Parrokkjali u Knejjes oħra

PREŻENTAZZJONI

PRINĊIPJI

NORMI

PROPOSTA GĦALL-KONSULTAZZJONI

Ottubru 2009

**PREŻENTAZZJONI TAD-DOKUMENT**
**MILL-EĊĊ.ZA REV.MA MONSINJUR PAWL CREMONA O.P.**
**ARĊISQOF TA' MALTA**

Għeżiż ħuti,

Din l-ittra hija maħsuba għall-membri kollha tal-Knisja f'Malta, għaliex il-Festi huma realtà għall-Knisja kollha f'Malta, u huma jridu jidħlu fil-missjoni kollha tal-Knisja. Il-Festi jrid ikollhom post fil-missjoni u fl-isfidi kollha li għaddejja minnhom il-Knisja f'pajjiżna llum.

Iżda b'mod speċjali din l-ittra hija maħsuba għal dawk kollha li b'xi mod jew ieħor, jieħdu sehem fl-organizzazzjoni tal-Festi. Nixtieq li nkunu flimkien biex nagħmlu dan l-isforz biex il-Festi jkollhom id-dinjità Nisranija tagħhom.

Naf li hemm ħafna minn dawk li għandhom sehem fil-Festi li għandhom għal qalbhom il-Festa bħala parti mill-fidi tagħhom: jieħdu sehem attiv fil-Knisja, huma motivati mill-Evanġelju, jinteressahom li l-Festa tagħhom tkun tixraq b'mod spiritwali lil dak li l-Festa tkun tirrappreżenta. Il-Festa, li hija dejjem f'unur ta' xi ħaġa qaddisa trid tkun tidħol ukoll fir-realtà tal-Knisja, mhux 'kontra' l-Knisja, u skont dak li Kristjanament li nifhmu li verament jagħti glieħ lil Alla u l-Qaddisin tiegħu.

Jien nixtieq nirringrazzja lil dawk fostkom li qed jagħmlu sforzi biex il-Festi tagħna jkunu 'totalment Insara'. Dan l-Abbozz ta' Dokument li qed nippreżentaw illum huwa maħsub biex jgħin jagħti direzzjoni lil dawn l-isforzi. Intkom mitlubin tħarsu lejhom minn għajnejn ta' membri tal-Knisja li qed taqduha fil-Festi, titkellmu bejnietkom biex twasslulna ir-riflessjonijiet tagħkom ħerġin mill-fidi tagħkom u r-rispett Nisrani tagħkom lejn il-Qaddis/a.

Nixtieqkom tidħlu fil-preokkupazzjoni tiegħi bħala Isqof meta nara li xi aspetti tal-Festi tagħna huma la soċjalment accettati, lanqas f'ċirkostanzi li mhumiex strettamet reliġjużi, aħseb u ara f'Festa reliġjuża, u lanqas reliġjożament aċċettati meta statwa ssir fini għaliha nnifisha, u ma twassalniex għall-Qaddis fil-ħajja qaddisa tiegħu. Il-Festa rriduha tkun dejjem vera ċelebrazzjoni reliġjuża Maltija li tagħti glorja 'l Alla u li jkunu jistgħu jattendu għaliha u jgawduha familji bl-ulied.

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-Festa Nisranija tfisser li Alla ġej biex jiltaqa' mal-poplu tiegħu speċjalment permezz tal-Liturġija[1] li fiha nnifisha hija festa għaliex fiha nilqgħu bil-ferħ lill-Mulej u lill-Għarus li huwa magħna fl-istorja, fin-niket u fit-taqbida tal-ħajja. L-iskop tal-Festa Nisranija mhux li naħarbu mir-realtà tal-ħajja kif kultant jiġri f'manifestazzjoni oħra. Anzi l-Festa Nisranija trid tkun iċ-ċelebrazzjoni ta' Alla fil-ħajja kollha u fil-ħajja ta' kulħadd. Il-Festi li nagħmlu b'mod speċjali, jew b'mod straordinarju, jagħmlu sens biss jekk ifissru l-isforz li ngħixu b'mod straordinarju il-virtujiet tal-ħajja Nisranija.

1.2 Il-Knisja għandha l-Festi prinċipali tagħha bħall-Għid il-Kbir, Għid il-Ħamsin u l-Milied. Imma f'dan id-dokument qegħdin nirriflettu fuq il-Festi marbutin mal-parroċċi tagħna, kif ukoll fi knejjes oħra filjali u mmexxija minn Kongregazzjonijiet Reliġjużi.

1.3 Biex ikunu jistgħu jkunu ċelebrati dawn il-Festi hija meħtieġa l-kooperazzjoni ta' ħafna individwi u gruppi: saċerdoti, reliġjużi, kummissjonijiet, korijiet, abbatini, gruppi tal-armar fuq ġewwa u fit-toroq, dawk li jgħinu fl-indafa ġol-knisja, kumitati tal-Festa, każini tal-baned, gruppi tal-logħob tan-nar. Ma' dawn f'livell għalihom hemm ukoll il-Korp tal-Pulizija u l-Kunsilli Lokali. L-Awtoritajiet tal-Knisja japprezzaw l-arti, il-ħidma u s-sagrifiċċji ta' dawn kollha u tal-familji tagħhom u jirringrazzjawhom ta' dak li jagħmlu. Mingħajrhom mhux possibbli li jkunu ċelebrati Festi sbieħ kif nafuhom aħna l-Maltin.

## 2. DAK LI JGĦIDU FIL-QOSOR ID-DOKUMENTI TAL-KNISJA

2.1 ***Ċirkolari 18.06.1981***

**Opri** - B'sens ta' prijorità għall-appostolat u karità; bil-limiti; b'rikors qabel jitħabbru; bl-approvazzjoni tal-Presbiterju parrokkjali.

2.2 ***Ċirkolari 08.05.1985***

**Festi** - Edukazzjoni fl-imħabba tal-qaddisin kollha fil-parroċċa u fil-virtù tal-qaddis/a.

1 Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium*, 7

**Opri** - Prijoritajiet: ħidma pastorali u karità, manutenzjoni u dekorazzjoni tat-tempju u wara jsiru opri li jintużaw għall-ftit ġranet. Fil-parroċċi fejn hemm festa titulari u oħra, rikors biss għall-manutenzjoni u ħtieġa pastorali ebda rikors għal opri ġodda jew biex jinbidlu prattiċi u wżanzi.

Kurja taċċetta rikorsi għal opri ġodda jekk ma jkunux żejda u mhux bi spirtu ta' pika jew partit. Xbihat u opri ma jitbirkux qabel permess mill-Ordinarju.

2.3 ***Ċirkolari 28.06.1988***

**Dawl tal-Faċċata** - jistgħu jinxtegħlu kollha fil-Festi prinċipali tal- Knisja, Festi titulari, Festi sekondarji u okkażjonijiet speċjali.

2.4 ***Ċirkolari 01.07.1988***

**Dawl tal-Faċċata** - Mixgħela ċirkolari 28.06.1988 fis-sens li apparti titolari, estiża għat-tlett ijiem tat-tridu.

2.5 ***Ittra Pastorali 06.04.1994***

**Festi** - marbutin mal-ħajja tal-Knisja u mal-kultura antika u qawwija.

Tajbin fihom infushom u ta' min iżommhom dment li jżommu l-għan tagħhom, u jibqgħu ta' ġid u mhux ta' tfixkil;

**Skop pastorali u edukattiv** - in-Nisrani jiċċelebra l-imħabba ta' Alla għall-bniedem u x-xhieda tal-imħabba għal Alla;

**Qofol ta' kull festa** - insaħħu r-rikonċiljazzjoni u l-għaqda tagħna ma' Alla u bejnietna;

Qatt post għal għemil skandaluż li joffendi 'l Alla, piki fuq il-qaddisin, imġibiet indenji, tagħjir, tkasbir;

Edukazzjoni importanti biex insaffu l-Festi minn infiq esaġerat f'nar, tiżjin u divertiment.

**Nar** - sabiħ, apprezzament għas-sengħa; stedina għar-riflessjoni fuq it-traġedji; kwalità u kwantità li tnissel dwejjaq u tbatija.

**Kooperazzjoni** - meħtieġa ta' saċerdoti, edukaturi, katekisti, mass media, diriġenti ta' każini tal-baned, mexxejja ċivili u politiċi.

2.6 ***Ċirkolari 22.12.1995***

**Festi** - Kristu Ċentru; skop ewlieni huwa dak spiritwali; ċelebrazzjonijiet esterni ma jtellfux interni.

**Kappillan responsabbli għall-Festa interna Qniepen** - moderazzjoni daqq qniepen festa esterna hija wkoll festa Nisranija;

**Moderazzjoni fl-infiq Sparar -** prudenza u moderazzjoni fil-kwantità, qawwa u ħinijiet.

**Marċi -** moderazzjoni fin-numru, ħin u jiem. Piki għandhom jiġu evitati. 6 ġimgħat minimu bejn Festi esterni. Jekk maltemp issir il-Ħadd ta' wara inkluż l-Għasar sakemm ma tkunx ħarġet, jibqa' 6 ġimgħat u ma jkunx Corpus. Ċirkolarijiet 8/05/85; 28/06/88; 01/07/88 jibqgħu jgħoddu.

2.7 ***Ċirkolari 22.03.1999***

Każini ġodda ma jistgħux jieħdu sehem fil-Festa.

2.8 ***Ċirkolari 04.07.2000***

Discos fil-pubbliku u fil-ġranet tal-Festa ma jsirux

2.9 ***Stqarrija għall-Istampa 21.06.2000***

Kompetenza tal-Festi reliġjużi, inklużi l-Festi esterni marbutin magħhom hija biss tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi

2.10 ***Digriet tal-Kurja 23.12.2002***

Jiem tal-Festa huma tmint ijiem inkluż jum il-Festa discos u street parties projbiti talbiet għal attivitajiet ġodda m'għandhomx isiru marċi u programmi tal-baned f'dawn il-jiem biss; ħlief fejn diġà kien hemm fil-1995 projbit kant oġġezzjonabbli; kliem ippreżentat fil-Kurja, xahrejn qabel statwi ma jinġarrux mal-marċ, imma jittellgħu mill-ewwel; teżisti drawwa, titħalla sakemm issir b'mod xieraq marċi mhux fil-ħin tal-funzjoni jew għall-anqas mhux fl-inħawi tal-knisja marċ ta' filghodu mhux aktar minn 4 sigħat baned mal-purċissjoni bl-innijiet reliġjużi jew marċi jixirqu sanzjonijiet - għal min jikser, inkluż soċjetajiet twaqqaf bord investigazzjonijiet tal-abbużi

2.11 ***Sinodu Djoċesan 2003***

**Kultura -** il-Festi esterni huma elementi importanti tal-wirt kulturali folkloristiku tal-Gżira (Kultura-Soċjetà-Knisja 62).

Irridu nagħrfu u nagħżlu bejn dak li hu kulturali u dak li hu twemmin (Xandir tal-Kelma 20).

**Fidi -** nistaqsu kemm dawn huma mumenti ta' xandir tal-Kelma li jwassal biex tinbena l-fidi (XK 20 u KSK 62)

Il-Knisja timpenja ruħha fl-edukazzjoni tal-komunità Nisranija biex din ir-reliġjożità (popolari) issir dejjem iżjed espressjoni ta' fidi vera (Viżjoni ta' Knisja Komunjoni 49).

**Firdiet** - xi drabi il-Festi huma mumenti ta' firdiet u stqarrija ċara ta' nuqqas ta' fidi (XK 20, KSK 62) u tbati l-pastorali (KSK 62).

**Kontroll** - huwa ċar li f'ċerti parroċċi, il-kappillani tilfu l-kontroll effettiv fuq il-Festi esterni (KSK 62).

**Dnub** - id-dnub jieħu wkoll forma strutturali, bħala eżempju… firda tal-partiti tal-Festi (Djakonia u Ġustizzja, 5).

**Deċiżjonijiet** - bħala Knisja għandna nkomplu fit-triq li qbadna li nkunu profetiċi… f'ċerti deċiżjonijiet iebsa fejn jidħlu, pereżempju, il-Festi (VKK 49).

Kappillani flimkien mal-Arċisqof ikomplu l-ħidma tagħhom għat-tiġdid tal-Festi titulari (XK 42, VKK 49).

Jittieħdu miżuri ċari, prattiċi u applikabbli li bihom ikunu kkontrollati l-esaġerazzjonijiet u kull sitwazzjoni li ma taqbilx mal-ispirtu tal-Festa (KSK 63).

Knisja profetika tiddisassoċja ruħha minn kull element pagan li jsir f'ċerti marċijiet. Għandna nkunu ċari ma' kulħadd li dawn l-elementi ma rriduhomx iċappsu l-Festi reliġjużi tagħna (VKK 49).

**Festi Interni** - Eżami serju dwar il-kriterji li qed imexxuhom fl- għażla ta' orkestri u kantanti, predikaturi ta' tridijiet u paneġirki, reffiegħa ta' vari u ta' min jieħu sehem fil-purċissjonijiet (KSK 62). Il-Knisja għandha prijorità li lin-nies toffrilhom esperjenza ta' Alla… minflok ritwali sterjotipti u anakronistiċi jeħtieġ li nwasslu liturġija ħajja, friska u kreattiva.

Il-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali bl-għajnuna tas-Segretarjat għal-Liturġija, għandha tistudja kif se jġeddu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festi parrokkjali. Dawn għandhom ikunu okkażjonijiet fejn il- liturġija tas-sigħat u l-quddiesa jiġu ċelebrati b'sollenità aktar mis-soltu, bis-sehem tal-ġemgħa (Liturġija u Sagramenti 20).

**Ċentralità tal-Għid** - Għandu jinstab rimedju biex fil-parroċċi ma jibqgħux jiġu ċelebrati l-Festi titulari jew sekondarji f'nhar il-Festi liturġiċi prinċipali bħalma huma Għid il-Ħamsin, Corpus u Trinità Qaddisa (LS 19).

### 2.12 *Digriet 05.10.2004*

Jiem tal-Festa huma tmint ijiem jew mill-ħruġ tal-vara. Discos ma jsirux jekk mhux organizzati mill-knisja. Ebda talbiet ġodda lanqas bi ftehim Kliem tal-kant mal-marċi ppreżentat fil-Kurja 3 xhur qabel Jikkonferma l-kumplament tat-Digriet tat-23.12.2002.

2.13 *Diskors tal-Arċisqof Pawlu Cremona 15.03.2007*

**Responsabbiltà** - Il-wiċċ tal-Knisja jrid jidher b'mod speċjali permezz tal-Festa.

**Bidu/għaqda** - Nafu li l-Festi tagħna bdew mhux bħala Festi, imma għax kien hemm komunità Nisranija li tħobb 'l Alla. Irridu nerġgħu niskopru din l-għaqda kbira.

**Fidi** - Iridu niskopru l-għaqda bejn il-fidi - li tkun is-sena kollha, u dak il-mument speċjali… tar-raħal/parroċċa.

**Gost lil Alla** - meta nitkellmu fuq Festi... qed nagħmlu xi ħaġa biex nagħtu gost lil Alla.

2.14 *Diskors tal-Arċisqof Pawlu Cremona 17.01.2008*

**Togħma ta' Kristu** - dak kollu li niċċelebraw, niċċelebrawh bit-togħma li tana Ġesù, li fiha bilfors irid ikun hemm l-imħabba u mhux il-firda.

**Opri** - jekk aħna ma nagħtux kas tal-wirt Nisrani, nibnu ħafna affarijiet sbieħ u dawn iservu ta' mużewijiet. Għażla ta' Kristu-kif jista' wieħed jieħu sehem f'ħaġa daqshekk sabiħa bħalma hija l-Festa, jekk hu ma jkunx għamel għażla għal Kristu biex jimxi warajh.

2.15 *Diskors tal-Arċisqof Pawlu Cremona 05.02.2009*

**Aspett reliġjuz/spiritwali** - Il-Festa bħala quċċata tal-parroċċa fejn l-aktar li tiltaqa' ma' Alla l-Imbierek permezz tal-qima, tal-ferħ li tkun qed tagħti lill-qaddis/a... Jekk hija l-quċċata, dan ifisser li matul is-sena wkoll irid ikun hemm xi ħaġa li qed tibni.

2.16 *Diskors tal-Arċisqof Pawlu Cremona 14.02.2009*

**Aspetti Kulturali, Soċjali u Reliġjużi** - Fuq l-aspett kulturali qed nagħtu ħafna enerġija, imma rridu nagħtu ħafna enerġija wkoll… fuq l-aspett soċjali u fuq l-aspett reliġjuż.

## 3. IL-PRINĊIPJI LI JMEXXUNA

3.1 Dawn għandhom ikunu dawk imsemmija fid-Dokumenti (Taqsima numru 2). Kull konsiderazzjonijiet oħra għandhom ikunu imwieżna bir-reqqa, l-aktar biex inkunu profetiċi u jinstab il-mod u ż-żmien prudenti u adattat, bla ma jkunu kompromessi dawn il-prinċipji. (Sinodu Viżjoni Knisja Komunjoni, 49)

3.2 Fil-qosor il-prinċipji huma[2]:

a) Tingħata prijorità għall-appostolat, karità lejn Alla u lejn il-bnedmin u għall-edukazzjoni (2.1, 2.2, 2.5, 2.11, 2.13 u 2.14)
b) Edukazzjoni fil-virtù tal-qaddis/a (2.2)
c) Festi (inkluż l-aspett estern) huma kompetenza biss tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi (2.6 u 2.9)
d) Il-Festa hija biss parti mill-ħidma pastorali tal-parroċċa jew tal-komunità fejn tkun ċelebrata u għalhekk għandu jkun iddedikat biss persentaġġ xieraq ta' ħin, ta' impenn u ta' finanzi.
e) Niġbdu l-kooperazzjoni ta' dawk kollha involuti (2.5)
f) Il-Knisja mhix kontra l-Festi u għax tagħraf il-valur pożittiv tagħhom trid issaffihom minn dak li jtebbagħhom u minn dak li jbiegħed lill-familji u lil min hu serju.
g) Distinzjoni bejn Festi prinċipali tal-Knisja, Festi titulari, Festi sekondarji u okkażjonijiet speċjali (2.3, 2.4, 2.11).
h) Il-Festa għandu jkollha l-iskop li tinbena l-komunità (VKK, 49) u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda spirtu ta' pika jew partit li huwa d-dnub f'forma strutturali (2.2, 2.5, 2.6 u 2.11).

## 4. IĊ-ĊELEBRAZZJONI LITURĠIKA TAL-FESTA

Fid-dawl tat-tagħlim mogħti matul is-snin mill-Isqfijiet ta' dawn il-gżejjer, kif ukoll mid-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan (2003) u fuq il-bażi tal-prinċipji mniżżla fit-Taqsima numru 3, iċ-Ċelebrazzjonijiet marbuta mal-Festi fl-Arċidjoċesi għandhom jitmexxew skont dawn id-direttivi.

4.1 L-Awtoritajiet tal-Knisja biss huma responsabbli għall-organizazzjoni u t-tmexxija taċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-Festa bħal-liturġija u para-liturġija inkluża l-purċissjoni[3]. Dan jgħodd ukoll għaċ-ċelebrazzjonijiet esterni marbutin mal-Festi reliġjużi[4]. Fit-twettiq ta' dan hija meħtieġa l-kooperazzjoni ta' ħafna[5].

---

2 In-numri fl-asterisk f'din it-Taqsima jirreferu għan-numru tad-dokument relatat f'Taqsima 2.

3 Ċirkolari 333, 22 ta' Diċembru 1995 par. 4

4 Stqarrija tal-Kurja għall-Istampa, 21 ta' Ġunju, 2000 par. 6

5 Ittra Pastorali tal-Eċċ. Rev.ma Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca u l-Eċċ.za Rev.ma Mons. Isqof Nikol Cauchi, 6 ta' April, 1994, issemmi l-ħtieġa tal-kooperazzjoni ta' saċerdoti, edukaturi, katekisti, mass media, diriġenti tal-każini tal-baned, kif ukoll tal-mexxejja ċivili u politiċi.

4.2 F'dawn iċ-Ċelebrazzjonijiet liturġiċi u paraliturġiċi, min-natura stess tal-Liturġija għandha tingħata importanza l-parteċipazzjoni tal-kongregazzjoni[6]. Dan isir permezz tat-talb, kant, ġesti, sentimenti, silenzju, eċċ., waqt li nżommu f'moħħna li dawn l-azzjonijiet u sentimenti esterni jridu jkunu frott ta' fidi u konvinzjoni interna li jkunu mkabbra u sostnuti matul is-sena kollha. F'dan id-dawl:

a) Fil-ġranet tal-Festi m'għandhomx isiru eċċezzjonijiet għar-regoli liturġiċi.

b) Meta jintuża l-Latin, għandu jkun hemm libretti bil-Latin u bil-Malti għall-kongregazzjoni kollha.

c) Fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi għandu jkun hemm ukoll kant li tista' tkantah il-kongregazzjoni[7].

d) *I Maestri di Cappella* u d-Diretturi tal-korijiet għandhom jassiguraw li:

i) l-imġiba tal-membri kollha li jieħdu sehem tkun tixraq lid-Dar ta' Alla u li jieħdu sehem reali fil-liturġija mhux biss fl-esekuzzjoni mużikali. ii) l-ilbies tagħhom ikun xieraq. iii) għamlu preparazzjoni adegwata biex l-esekuzzjoni tkun dinjituża għall-qima li tixraq lill-qima lil Alla u wkoll għar-rispett lejn il-ġemgħa liturġika. iv) jkunu rispettati l-mumenti ritwali.

e) Il-Kummissjoni Muzika Sagra fi ħdan is-Segretarjat għal-Liturġija, matul l-2010 timmoniterja il-kant u l-mużika fil-Festi u tagħti direttivi lis-surmastrijiet involuti biex jimxi skont il-liturġija u dawn id-direttivi.

4.3 L-enfasi għandha tkun mhux fuq żjieda ta' ċelebrazzjonijiet liturġiċi u para-Liturġiċi, imma fuq kwalità aħjar u aktar kreattività għaż-żmien tal-lum u biex jipparteċipaw aktar żgħażagħ f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Għalhekk:

a) Sa xahar wara l-pubblikazzjoni ta' dawn id-direttivi, kull Kappillan, jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli u Rettur tal-Knisja jrid jibgħat lid-Delegat għall-Liturġija tagħrif ta' x'ċelebrazzjonijiet liturġiċi jsiru li huma marbutin mal-Festa.

6 Il-parteċipazzjoni fil-Liturġija mhux aspett problematiku marbut maċ-ċelebrazzjoni tal-Festi biss. Għalhekk, waqt li m'għandniex nistennew iżżejjed fiċ-ċelebrazzjoni tal-Festi, lanqas għandhom ikunu anqas parteċipattivi miċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd (biex ikollna *benchmark*). Iżda wkoll biex ma nħajrux għall-medjokrità u għaliex fiċ-ċelebrazzjoni tal-Festi jsir użu minn riżorsi umani (korijiet, vuċijiet, orkestri) u finanzjarji aktar milli fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd, huwa mistenni li l-ambjent u l-effetti jkunu aħjar.

7 Dan skond il-principji stabbiliti mid-Dokument tal-Kongregazzjoni tar-Riti tal-5 ta' Marzu, 1967 par. 15 li jghid : "Din il-parteċipazzjoni (konxja u attiva mitluba min-natura tal-liturġija stess) trid tkun fuq kollox interna, fis-sens li l-fidili jgħaqqdu l-moħħ ma' dak li qed jgħidu jew jisimgħu…. Il-fidili għandhom ikunu mgħalma jingħaqdu internament ma' dak li l-ministri jew il-kor ikun ikanta." Dan huwa fi qbil ma' dak li tghid il-*Consociatio Internationalis Musicae Sacrae* (organizazzjoni approvata mill-Papa Pawlu VI fl-1963) li "Jekk l-attività esterna tkun assolutament obbligatorja u f'kull moment, dan iġib il-kundanna fuq l-ghana kbir tal-mużika reliġjuża. Bil-kant polifoniku tal-partijiet tal-quddiesa u bosta kompożizzjonijiet ta' kant Gregorjan, mhux possibbli li l-poplu jkanta magħhom."

b) Fil-knejjes parrokkjali fejn ikunu ċċelebrati l-Festa titulari u festa sekondarja, m'għandha tiżdied l-ebda ċelebrazzjoni oħra.[8] Dan ma jgħoddx għall-laqgħat ta' formazzjoni dwar is-sens Nisrani tal-Festa u edukazzjoni fil-virtù tal-qaddis/a. F'okkażjonijiet speċjali, bħalma huma anniversarju speċjali, jistgħu jingħataw konċessjonijiet għal żidiet fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi bil-permess bil-miktub tal-Ordinarju.

c) Dan jgħodd ukoll għal Festi oħra f'dawn l-istess parroċċi li huma tradizzjonalment marbuta mal-Festa titulari jew mal-Festa sekondarja.

d) Fil-knejjes l-oħra, wara li l-Kappillan jisma' l-parir tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u tal-Kleru, jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli, għal raġunijiet ta' ġid pastorali, jista' jżid jew jibdel ċelebrazzjoni marbuta mal-Festa. Dan jista' jsir mingħajr żjieda ta' armar u kantanti, mużiċisti jew korijiet għajr kor parrokkjali (jew tal- knisja partikolari jekk mhux knisja parrokkjali) jekk ikun hemm il- ħtieġa.

## 4.4 Ħruġ tal-Istatwa min-niċċa

a) It-tifsira tal-istatwa fil-qima tagħna l-Insara hija li tfakkarna fil-persuna qaddisa li hija tirrappreżenta biex nitħajru nfasslu ħajjitna fuq tagħha. Sfortunatament spiss jigri li fil-jiem tal-Festa, l-istatwa aktar issir tixbah is-sens tat-*totem* tal-pagani milli l-qima Nisranija lill-qaddis/a li tirrappreżenta l-istatwa. Din ir-realtà tvarja minn post għall-ieħor; f'bosta postijiet u l-aktar fil-knejjes parrokkjali fejn ikunu iċċelebrati l-Festa titulari u festa sekondarja, is-sitwazzjoni tkun gravi. Hawn, spiss, il-logħob bil-vara u ċ-ċapċip isiru strumenti użat biex jiġġustifka sentimenti negattivi ta' pika u inkejja li huma direttament kontra l-prinċipju msemmi f'paragrafu 3.2h).

b) Il-ħruġ tal-vara jibqa' jsir fil-ġurnata u l-ħin li kienet issir sal-2008.

c) Fejn issir ċelebrazzjoni tal-ħruġ tal-vara, din għandha tkun ċelebrazzjoni paraliturġika u jsir b'dan il-mod:

i) Il-Vara tkun diġà tpoġġiet b'mod privat fil-knisja f'kappellun jew post ieħor adattat.

ii) Wara introduzzjoni mill-Kappillan, tintrefa' l-Vara u tittieħed bil-proċessjoni sa fuq il-bankun fejn se tkun għall-qima tal-Insara matul il-ġranet tal-Festa.

---

8 Din il-miżura qed tittieħed għaliex dawn il-Festi huma mifnija minn piki li jaffettwaw id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet kollha tal-parroċċa, tal-fratellanza u tal-grupp. Il-pika tieħu post dak li għandhom ikunu l-prinċipji li fuqhom jinbnew il-Festi. B'din il-miżura, il-Knisja trid tagħti sinjal ċar li ma tridx tħalli min jinqeda b'ċelebrazzjonijiet qaddisa għal skop li minnu nnifsu huwa f'kontradizzjoni mas-sens ta' għaqda li suppost niċċelebraw fil-Liturġija.

iii) Matul din il-proċessjoni jitkanta l-innu poplari darba.

iv) Meta l-Vara titqiegħed f'postha, issir il-kurunella u ssir katekeżi qasira fuq il-virtù tal-qaddis/qaddisa.

v) Ikun espost Ġesù Sagramentat, tinqara silta mill-Iskrittura, isiru invokazzjonijiet tat-talba tal-ġemgħa u barka sagramentali.

vi) F'din il-funzjoni l-kant jitmexxa minn kor parrokkjali jew mill-kor tal-knisja partikolari jekk ma tkunx knisja parrokkjali u akkumpanjat mill-orgni/armonju.

vii) Il-Vara ma tinħariġx la fil-bieb tal-knisja u lanqas fuq iz-zuntier. Fil-parroċċi jew fil-knsjjes l-oħra fejn sal-2008 l-istatwa kienet tinħareġ fuq iz-zuntier u tkun iċċelebrata quddiesa, din tista' tibqa' ssir peress li f'dawn il-każi huwa ċar li din l-azzjoni għandha sens reliġjuż.

d) Fil-knejjes parrokkjali fejn ikunu ċċelebrati l-Festa titulari u festa sekondarja, fejn diġà ssir funzjoni tal-ħruġ tal-vara, għandha ssir skont il-mudell imsemmi f'paragrafu 4.4 c). Fejn din il-funzjoni ma ssirx, ma tistax tkun mibdija.

e) Fil-knejjes l-oħra, wara li l-Kappillan, jisma' l-parir tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u tal-Kleru, jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli, jista' jdaħħal din il-funzjoni skont il-mudell imsemmi f'paragrafu 4.4.c).

f) Wara li tispiċċa l-funzjoni paraliturġika, fejn sal-2008 kien isir marċ, jista' jibqa' jsir.

4.5 **Armar** - L-armar kollu li jsir fil-knejjes għandu jkun jirrifletti l-qima tagħna lejn Alla għax il-knisja hija d-dar ta' Alla u għalhekk għandu jsir skont kif titlob il-liturġija u skont id-direttivi tal-Arċidjoċesi.

a) L-armar kollu li jintuża' fil-knisja jaqa' taħt il-kompetenza tal-Awtoritajiet tal-Knisja.

b) Fil-knejjes fejn tiġi ċċelebrata festa waħda, ma jeżistux diffikultajiet u għalhekk għandhom jitħallew fil-libertà tagħhom meta jarmaw.

c) Dan l-aspett tal-armar huwa wkoll okkażjoni ta' nkejja u pika fil- knejjes parrokkjali fejn jiċċelebraw l-Festa titulari u l-Festa sekondarja. Għalhekk il-Kappillani għandhom jaraw li:

i) għall-Festa titulari l-artali u l-mobbilja kollha għandhom ikunu armati b'kollox sa nofsinhar tal-ewwel ġurnata tat-Tridu. ii) għall-Festa sekondarja l-istess irid isir sa nofsinhar ta' lejlet il-Festa.

iii) Kull ma jsir (ilbies, armar, opra, eċċ.) f'dawn il-knejjes, ma jista' jkollu l-ebda kundizzjoni jew restrizzjoni li torbot lill-Awtorità tal-Knisja li tużah skont id-diskrezzjoni tagħha.[9]

iv) Għal dan il-għan ukoll, f'dawn il-knejjes ma jkunux aktar approvati opri b'simboli li juru rabta ma' festa partikolari.

## 4.6 Damask

a) Fil-knejjes fejn tiġi ċċelebrata festa waħda, ma jeżistux diffikultajiet u għalhekk għandhom jitħallew fil-libertà tagħhom meta jarmaw id-damask.

b) Fil-knejjes parrokkjali fejn ikunu ċċelebrati l-Festa titulari u festa sekondarja għandhom jimxu b'dan il-mod:

i) Fejn id-damask ikun imdendel sa qabel il-vara tinħareġ fil-knisja, għandu jibqa' jsir kif kien isir sal-2008. ii) Fejn id-damask ma kienx jiddendel qabel mal-vara tinħareġ fil-knisja, dan għandu jkun imdendel f'postu wkoll qabel mal-vara toħroġ fil-knisja. iii) Il-Kappillani ta' dawn il-parroċċi, fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dawn id-direttivi għandhom jippreżentaw fil-Kanċellerija tal-Kurja deskrizzjoni ta' meta jintrama d-damask u x'partijiet jintramaw minnu

## 4.7 Dwal

Il-knisja għandha tkun imdawla b'mod xieraq waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Id-dawl fiss li jdawwal is-saqaf tal-knisja u l-koppla minn ġewwa għandhom jinxtegħlu matul iċ-ċelebrazzjonijiet ta' lejlet u nhar il-Festa filgħaxija għall-Festi sekondarji.

## 4.8 Isqfijiet u Prelati

Is-sens tas-sehem tal-Isqfijiet u ta' saċerdoti li għandhom xi titlu[10] fil-Festi għandu jkun dak tal-preżenza tar-Ragħajja fost il-poplu ta' Alla u sinjal ta' unità fost il-poplu bħal kull saċerdot. Għalhekk tkun kontradittorja jekk dawn ikunu mistiedna jmexxu l-Festi bħala sinjal ta' pika u inkejja. Lanqas jagħmel sens li dawn ikunu mistiedna sempliċiment minħabba t-titolu u/jew l-ilbies partikolari tagħhom. Għalhekk:

a) Il-Kappillani u/jew ir-Retturi tal-Knejjes għandhom jagħmlu talba fil-Kanċellerija tal-Kurja qabel ma jistiednu Isqfijiet li mhumiex Maltin u Għawdxin. Tista' ssir talba lill-Ordinarju biex ikunu mistiedna Isqfijiet li

---

9 Din il-miżura, waqt li tassigura li jintuża dak li hu dekoruż, tressaqna pass kemm lejn użu tajjeb tar-riżorsi li jeżistu, kif ukoll, lejn l-ispirtu Evanġeliku.

10 Bħala eżempju nsemmu monsinjuri u kanoniċi

mhumiex Maltin u Għawdxin f'anniversarji speċjali skont paragrafu 4.14 biss.

b) M'għandhomx ikunu mistiedna saċerdoti li mhumiex Maltin jew Għawdxin.

c) Għall-fini ta' paragrafu a) għandha titwarrab kull distinzjoni jew differenza minħabba t-titli tas-saċerdoti.

d) Il-kanoniċi membri, kemm effettivi kif ukoll onorarji, tad-diversi Kapitli, bħala regola ġenerali jistgħu jilbsu l-abiti korali u l-insinji speċjali tal-kapitlu li tiegħu huma membri biss fil-limiti tad-Djoċesi li fiha hu mwaqqaf il-kapitlu. Hu meħtieġ il-permess ta' l-Ordinarju tal- post biex Kapitli minn Djoċesijiet oħra jkunu jistgħu jiġu mistiedna biex jieħdu sehem, jew jibagħtu rappreżentant tagħhom f'festi u ċelebrazzjonijiet oħra fl-Arċidjoċesi[11].

e) Fil-każ tal-parroċċi mmexxijja mis-saċerdoti djoċesani u knejjes li jiddependu minnhom, huwa biss il-kappillan li jista' jistieden Isqfijiet u saċerdoti biex imexxu l-funzjonijiet u li jippridkaw kif ukoll li jagħmel it-talba fiċ-ċirkostanza ta' sub-paragrafu 4.8a).

f) Fil-każ tal-parroċċi jew knejjes immexxija mir-reliġjużi, is-Superjur tal-komunità jew il-kappillan skont l-istatuti tal-Istitut għandhom dan l-inkarigu msemmi fis-sub paragrafu 4.8e).

4.9 Il-Purċissjoni hija wkoll azzjoni liturġika li tirrifletti l-pellegrinaġġ tagħna lejn is-sema pajjiża. F'diversi parroċċi, din issir b'mod dekoruż u li jixraq kemm id-devozzjoni kif ukoll il-ferħ li ġġib il-Festa. Għalhekk:

a) Għal waqt parti mill-ħin tal-purċissjoni għandhom ikunu ppreparati talb u innijiet reliġjużi.

b) Il-ħin tal-ħruġ u d-dħul tal-purċissjoni kif ukoll it-tul tal-ħin għandu jinżamm dak li kien sal-2008.

c) Minkejja artiklu 4.9b) it-tul tal-ħin tal-purċissjoni m'għandux ikun aktar minn tliet sigħat u d-dħul fil-knisja (bil-funzjoni ta' qabel id- dħul inkluża, fejn issir) m'għandux ikun wara l-2230.

d) Il-kappillani, jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli, sa xahar wara l-pubblikazzjoni ta' dawn in-normi għandhom jippreżentaw tagħrif dwar xi jsir fil-parroċċa dwar ħinijiet ta' ħruġ u dħul u t-tul ta' ħin tal-purċissjoni.

e) M'għandhomx isiru tqabbiliet quddiem l-istatwa li ma jkunux ippreparati minn qabel u approvati mill-kappillan jew fil-każ tar- Reliġjużi is-superjur

11 Ċirkolari Nru 416 tat-12 ta' Settembru 2001.

responsabbli. Il-kappillan, jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli għandu jara li l-versi

i) jkunu duttrinalment korretti ii) fi spirtu Nisrani tal-Festa u espressjoni ta' għaqda iii) ta' livell li jixraq lill-Festa u lill-Knisja wkoll mill-aspett letterarju

f) Waqt il-purċissjoni, il-vara m'għandha tiddawwar lejn l-ebda bini ħlief fejn diġà teżisti d-drawwa lejn bini fejn hemm residenti li ma jistgħux joħorġu (eż. monasteru, dar tal-anzjani).

g) Fil-ħruġ, il-vara ma għandhiex tiddawwar lejn l-ebda naħa.

h) Fid-dħul, fejn diġà teżisti d-drawwa, il-vara għandha tiddawwar dawra sħiħa darba biss b'dahra lejn il-knisja għal ftit tal-ħin jew fejn hu l- każ, tibqa' mdawwra sakemm tispiċċa l-funzjoni li ssir fuq iz-zuntier.

i) Meta banda tikkumpanja l-istatwa fil-purċissjoni nhar il-Festa, din għandha ddoqq biss innijiet reliġjużi jew marċi li jixirqu għall-okkażjoni.

j) Għandhom ikunu segwiti d-direttivi tal-Kappillan, jew fil-każ tar- Reliġjużi is-superjur responsabbli wkoll waqt id-dħul tal-vara u biex titpoġġa f'postha b'mod xieraq.

k) Ir-radd ta' ħajr 'l Alla għandu jsir għal kull min ta sehmu fil-Festa immedjatament wara li l-vara titqiegħed f'postha bil-barka sagramentali li timmarka t-tmiem tal-Festa.

4.10 **Il-Dħul tal-Vara fin-niċċa** għandu jsir b'mod privat, mhux aktar tard minn jumejn wara l-Festa.

4.11 **Il-prietki** li jsiru b'rabta mal-Festi (paneġirki, kwindiċina, novena, tridu, eċċ) għandhom l-iskop li jippreżentaw il-qaddisin bħala mudelli għall-ħajja tal-Insara, bħala għalliema u gwidi biex l-Insara jilħqu l-milja tagħhom fi Kristu. Il-predikaturi għandhom iħarsu dawn il-linji gwida:

a) Jingħata każ li dawn qed isiru fl-ambjent tal-quddiesa u għalhekk għandhom ikollhom l-ispirazzjoni u parti sewwa tal-kontenut ibbażat fuq il-Kelma ta' Alla mħabbra lill-kongregazzjoni[12].

b) B'daqshekk m'għandux ikun injorat l-aspett u ċ-ċirkostanza lokali u f'xi minn daqqiet storika li tkun ġabret il-kongregazzjoni bi ħġarha.

c) Fid-dawl ta' dak li jingħad f'paragrafu 4.4a), m'għandhiex tingħata importanza lill-vara bħala vara, imma lil min tirrappreżenta u l-virtù tal-

12 Santu Wistin jgħallem li biss permezz tat-tħabbir tal-Kelma ma nkunux predikaturi vojta (*Serm* 179)

qaddis/a (ara wkoll par. 3.2b).

d) Il-ħin tal-paniġirku m'għandux jaqbeż 45 minuta u tal-prietki l-oħra (tridu, eċċ) m'għandux jaqbeż 30 minuta.

### 4.12 L-użu tal-kapep

Iċ-Ċerimonjal tal-Isqfijiet (1984) jgħid li fil-liturgija barra l-quddies u fil-purċissjonijiet, il-kappa tintlibes biss mis-saċerdot[13]. Waqt il-Barka Sagramentali, tista' tintlibes ukoll mid-Djaknu[14]. Għalhekk huwa pprojbit li l-kapep jintlibsu minn lajċi.

### 4.13 Daqq tal-Qniepen

Id-daqq tal-qniepen, għal ħafna snin, ilu marbut maċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u jsir biex jistieden lill-Insara għall-funzjonijiet liturġiċi. Minħabba f'hekk, il-qniepen jitbierku (sa żmien ilu kien jingħad li jkunu kkonsagrati) u minħabba f'hekk ma jistgħux jintużaw għal użu profan[15]. Ma' dan, il-Ktieb tal-Barkiet iżid li d-daqq tal-qniepen huwa espressjoni tas-sentimenti tal-poplu ta' Alla li jifraħ, jitnikket, jirringrazzja jew jitlob, jinġabar flimkien u juri l-misteru tal-għaqda tiegħu fi Kristu[16]. Għalhekk:

a) Id-daqq tal-qniepen għandu jsir ukoll bil-moderazzjoni[17]. Ċirkolari oħra tistabbilixxi li ma jsirx daqq tal-qniepen bejn il-11.00 p.m. u s- 6.00 a.m.[18]

b) Fil-ġranet tal-Festa,

i) id-daqq tal-qniepen għandu jibqa' marbut mas-sejħa għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi;

ii) dan il-prinċipju ma jeskludix il-moti tat-8.00 a.m. u ta' nofsin har matul il-ġranet tan-novena jew tridu u lejlet il-Festa fejn hija d-drawwa li jindaqqu.

iii) m'għandu jsir l-ebda daqq ta' qniepen bejn is-1.00 p.m. u l-4.00 p.m.[19] u bejn il-11.00 p.m. u s-6.00 a.m.

---

13 Par. 66

14 Kongregazzjoni tal-Kult, 21 ta' Ġunju, 1973.

15 Kodici tal-Ligi tal-Knisja (1917) can. 1169. Dan kien affermat fid-dokument *De Sacrarum Campanarum* tal-Kongregazzjoni tal-Konċilju fl-20 ta' Marzu, 1931. AAS 23 (1931) 129-130. L-istess jingħad fiċ-Ċirkolari tal-Arċidjocesi maħruġa fit-22 ta' Diċembru,1 995.

16 Ċirkolari 14 ta' Settembru, 1979

17 Ċirkolari, 22 ta' Dicembru, 1995, par. 5.

18 Ċirkolari 14 ta' Settembru 1979. Iċ-Ċirkolari tindika wkoll xi eċċezzjonijiet.

19 Eċċezjoni għal din hija nhar ta' Ġimgħa biex jindaqqu t-tokki tat-3.00 p.m.

iv) il-moti m'għandhomx ikunu aktar minn tnejn ta' 15-il minuta l-waħda
v) m'għandu jsir l-ebda daqq tal-qniepen waqt li fil-knisja tkun qed issir ċelebrazzjoni liturġika ħlief id-daqq tas-*Sanctus*, waqt il-Barka sagramentali u t-*Te Deum*
vi) waqt il-purċissjoni, id-daqq tal-qniepen għandu jkun biss sa massimu ta' 30 minuta fil-ħruġ u 30 minuta fid-dħul.

### 4.14 Anniversarji Speċjali

Iċ-Ċirkolari tal-Kurja tat-12 ta' Mejju 1995 titkellem dwar "anniversarji speċjali, b'rikorrenza ta' almenu 25 sena". Din għandha tittieħed bħala gwida xierqa wkoll għal okkażjonijiet parrokkjali u tal-fratellanzi u ta' korpi oħra tal-Knisja. Għalhekk għandhom jiġu mħarrsa dawn id-direttivi:

a) Dawn il-korpi jistgħu jiċċelebraw bħala anniversarju speċjali, l-anniversarju tat-twaqqif tagħhom.
b) Kull korp għandu jagħżel okkażjoni oħra biss li tkun timmerita ċelebrazzjoni bħala "anniversarju speċjali". Fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni ta' dawn id-direttivi, il-Kappillan jew is-Superjur Reliġjuż kompetenti għandu jinforma lill-Kanċellerija tal-Kurja b'din il-għażla, wara li jmexxi l-konsultazzjonijiet meħtieġa.
c) L-anniversarji meqjusa "speċjali" huma dawk li jaħbtu f'għeluq l- ewwel sena, il-25, 50, 75 u 100 sena. Imbagħad ikomplu kull 50 sena.
d) F'dawn l-anniversarji speċjali għandhom jingħataw prominenza speċjali l-prinċipji elenkati f'paragrafu 3.2.
e) Tibqa' tinżamm il-prattika tal-Arċidjoċesi li wkoll f'dawn l-anniversarji ma jiżdidux il-manifestazzjoni tal-Festa fuq barra, ħlief ċelebrazzjonijiet liturġiċi u para-liturġiċi.
f) Għandha tinżamm ukoll il-moderazzjoni fit-tul taż-żmien taċ-ċelebrazzjonijiet u fil-programmi li jitħejjew għal dawn l-okkażjonijiet.

## 5. IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-FESTA BARRA MILL-KNISJA

Iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fuq barra tal-knisja għandhom ikunu t-tkomplija ta' dak li qed ikun ċelebrat fid-Dar ta' Alla. Għalhekk l-ambjent li għandu jinħoloq u l-inizjattivi li jittieħdu jridu jkunu jirriflettu l-esperjenza Nisranija li qed jgħixu l-Insara fil-ħajja tagħhom bħala komunità.

Fil-prattika l-aħħar normi tal-Arċidjoċesi dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-Festi esterni huma dawk promulgati fil-5 ta' Ottubru, 2004. Fid-dawl ta' esperjenzi fit-tħaddim ta' dawk ir-regolamenti u ta' sitwazzjonijiet ġodda li nħolqu u li mhux milħuqa minn dawk ir-regolamenti, qed jingħataw dawn id-direttivi minflok dawk ta' qabel.

5.1 Iż-żmien allokat għall-Festa huwa ta' tmint ijiem li jinkludi l-jum proprju tal-Festa.[20]

5.2 Matul dawn it-tmint ijiem fil-limiti tal-parroċċa, ma jkunux jistgħu jsiru attivitajiet esterni oħra barra dawk organizzati mill-Awtoritajiet tal-Knisja li huma responsabbli għall-organizazzjoni tal-Festa[21]. Dan jgħodd ukoll għal dawk l-attivitajiet ta' ċelebrazzjonijiet jew Festi esterni li kienu jsiru.

5.3.1 Programmi u marċi tal-baned jistgħu jsiru biss skont kif kienu jsiru fl-1995.

5.3.2 Dawk l-oġġetti u l-armar li huma magħrufa bħala sorpriża jew briju huma projbiti li jinħarġu fit-toroq jew li jimxu mal-marċi. L-iskop ta' dawn huwa biss ta' pika u rivalità u jbaxxu l-valur tal-Festa Nisranija. Għall-briju huma permessi biss bnadar u bżieżaq.

5.3.3 Huwa projbit it-tfiegħ ta' ilma permezz ta' *bowsers* jew mezzi oħra jew minn fuq il-bjut jew galleriji.

5.3.4 a) Huma projbiti marċi, innijiet u kanzunetti li fihom kant ta' disprezz jew ta' pika. Dan imur kontra l-ispirtu ta' festa Nisranija u l-prinċipji elenkati f'paragrafu 3.

b) Jekk dawn iseħħu, ir-responsabbiltà hija tas-Soċjetà li jkollha l-permess tal-Awtoritajiet Ċivili li jesegwixxu l-marċ u/jew il-programm.

c) L-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi huma tal-fehma li l-Kumitati Ċentrali tal-Każini tal-Baned għandhom jikkollaboraw magħhom u jiskuraġġixxu li jinkitbu, jindaqqu, jitkantaw jew ikunu rekordjati kliem li juri biss pika u firda.

20 Dan ifissser li l-ġranet allokati għall-Festa m'għadhomx marbuta mal-ħruġ tal-vara.

21 Ara Paragrafu 3.2c).

d) Fejn il-Kumitati Ċentrali ma jaslux għal din is-sitwazzjoni, għandhom jerfgħu responsabbiltà tal-versi u jibagħtuhom mhux anqas minn tliet xhur qabel il-Festa fil-Kurja biex ikunu kkontrollati. Din ir-responsabbiltà tibqa' tal-Kumitat Ċentrali, ukoll jekk il-marċ u/jew programm ikun qed jiġi organizzat minn xi sotto kumitat tas-Soċjetà (e.g. kummissjoni żgħażagħ, kumitat tal-partitarji, eċċ.)

e) Ksur ta' dan ir-regolament jista' jwassal għal sospensjoni tal-banda tas-Soċjetà milli tipparteċipa f'attivitajiet tal-Knisja organizzati mill-parroċċi u mill-korpi kollha tal-Arċidjoċesi. Minbarra dan, jistgħu jkunu kontemplati miżuri oħra wkoll.

5.3.5 Huwa pprojbit wkoll waqt il-marċ persuni bla flokkijiet jew qomos. Din ukoll hija r-responsabbiltà tas-Soċjetà li jkollha l-permess tal-Awtoritajiet Ċivili li jesegwixxu l-marċ, kif ukoll tal-Awtorità tal-Pulizija li titħares il-liġi u l-ordni pubbliku.

5.3.6 Billi l-iskop tal-istatwi tal-Qaddisin huwa għall-qima, dawn ma jixraqx jinġarru waqt il-marċ, iżda jkun aħjar li jittellgħu mill-ewwel fuq il-pedestall. Fejn sa llum hemm drawwa mhux projbita mill-Awtorità Ekkleżjastika li jinġarru statwi waqt il-marċi u, fil-ġudizzju tal-Kappillan, wara li jisma' l-parir tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u tal-kumitati tas-Soċjetajiet involuti, jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli, ma jkunx opportun li din l-użanza tinqata', l-istatwi jistgħu jibqgħu jinġarru fil-marċijiet. Dan għandu jsir bil-qima li tixraq lil xbieha tal-Qaddisin. Jekk fil-ġudizzju tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi waqt dawn il-marċi ma jinżammx ir-rispett xieraq, mis-sena ta' wara l-istatwa ma tinġarrx aktar waqt il-marċ.

5.3.7 **Il-marċ magħruf bħala "ta' filgħodu"**[22]:

Dan il-marċ huwa marbut mal-post tal-ferħ fil-Festa. Iżda biż-żmien il-karattru tiegħu inbidel tant li sar okkażjoni ta' esaġerazzjonijiet kbar f'diversi postijiet fejn isir. Dan huwa ta' preokkupazzjoni kbira għall-Knisja ta' Malta kemm fuq l-aspett soċjali, bl-imġiba ta' dawk li jieħdu sehem, kif ukoll mill-aspett reliġjuż bir-rabta tiegħu mal-Festa tal-qaddis/a. Is-sitwazzjoni trid tinbidel, inkella

---

22 Ara Stqarrija għall-Istampa tal-Kulleġġ tal-Kappillani, 23 ta' Marzu, 2001.

l-Knisja trid taħseb jekk dan il-marċ għandux jibqa' marbut mal-aspett reliġjuż ta' meta ssir il-Festa, jew jorganizzah ħaddieħor mifrud mill-jiem tal-Festa.

Għal din ir-raġuni, matul is-snin 2010-2012, se nagħtu ċ-ċans biex dawk kollha involuti (Kappillani, Superjuri Reliġjużi, Awtoritajiet Ċivili, Kumitati tal-Festa, Każini tal-Baned) biex jaraw li dawn l-esaġerazzjonijiet ikunu mrażżna. Dawn jinkludu l-kwalità ta' l-ilbies, il-kliem li jingħad, it-tqassim ta' alkohol, it-tul tal-ħin, x'ħin jibda u jispiċċa.

Jekk wara dawn it-tliet snin naslu għall-konklużjoni li dawn il-marċi waslu fil-punt li ma jistgħux ikunu kontrollati jew riformati, il-Knisja jkollha tasal għad-deċiżjoni li ma tħallihomx parti integrali mill-jiem tal-Festa.

5.3.8 Il-marċ u l-programmi m'għandhomx isiru waqt il-ħin tal-funzjonijiet liturġiċi prinċipali.

5.3.9 Il-marċ ta' filgħodu m'għandux ikun itwal minn erba' sigħat u kull marċ ieħor m'għandux ikun itwal minn tliet sigħat u għandu jispiċċa fil-ħin stipulat fil-permess tal-pulizija.

5.3.10 Fil-parroċċa fejn hemm aktar minn soċjetà waħda tal-banda, bħala prinċipju, waqt il-marċi, il-baned m'għandhomx jgħaddu minn quddiem is-sede ta' xulxin. Fejn dan huwa impossibbli fil-prattika, wara li jingħata l-permess tal-Awtoritajiet tal-Knisja għal din l-eċċezzjoni, il-banda għandha tibqa' għaddejja minn quddiem is-Sede tal-każin l-ieħor bla ma tieqaf, ukoll jekk jinzerta jkun spiċċa d-daqq tal-marċ.

5.3.11 Fil-parroċċi fejn sfortunatament għadha teżisti rivalità bla sens ma' parroċċi ġirien, il-marċi m'għandhomx jersqu lejn dawn il-periferiji. Fejn dan huwa impossibbli fil-prattika, wara li jingħata l-permess tal-Awtoritajiet tal-Knisja għal din l-eċċezzjoni, il-banda għandha tibqa' għaddejja minn dawn it-toroq bla ma tieqaf, ukoll jekk jinzerta jkun spiċċa d-daqq tal-marċ.

5.4 S'issa ma kien hemm l-ebda norma tal-Arċidjoċesi li tirregola l-armar tat-toroq. Dan wasal għal ħafna esaġerazzjonijiet u konfużjoni f'diversi parroċċi. F'dan il-qasam jeżistu realtajiet differenti: armar mill-parroċċa, mill-kumitat tal-Festa, mill-każin jew każini u minn xi dilettanti jew għaqdiet ta' dilettanti. Wasal iż-

żmien li dan ikun regolat. L-armar isir fl-okkażjoni tal-Festa li hija kompetenza tal-awtoritajiet tal-Knisja[23]. Għalhekk

a) Kull min hu responsabbli ta' xi armar li jintrama' fil-jiem tal-Festa, għandu jagħmel inventarju u jagħtih lill-Kappillan / Superjur Reliġjuż sa tliet xhur wara li jkun approvat dan id-Dokument.

b) L-armar kollu li jintrama jew li jitbiddillu l-post fejn jintrama, fil- limiti tal-parroċċa għandu jkollu l-approvazzjoni tal-kappillan jew fil- każ tar-Reliġjużi, tas-superjur responsabbli.

c) Soċjetajiet u individwi li jagħmlu xi armar fil-ġranet tal-Festa, għandhom jippreżentaw lill-Kappillan jew fil-każ tar-Reliġjużi is- superjur responsabbli ċertifikat tal-assigurazzjoni fuqu.

d) Sal-aħħar tas-sena 2012 li matulu ma jiżdied l-ebda armar ħlief dak li beda jinħadem jew kien ordnat sal-15 ta' Lulju, 2009.

e) Sal-15 ta' Jannar 2010, il-każini, kumitati, eċċ. iridu jagħtu lista dettaljata tal-armar li għandhom qed jinħadem lill-kappillan jew fil- każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli. L-Awtorità tal-Knisja tista' tieħu passi dixxiplinari kontra soċjetajiet jew għaqdiet li ma jagħtux din il-lista skont is-sewwa.

e) Mill-2013 m'għandux jiżdied armar

i) jekk mhux tassew meħtieġ jew ii) minħabba l-bżonn b'sostituzzjoni għal dak li jeżisti.

5.5 L-Arċidjoċesi u diversi organi tagħha, matul is-snin taw kontribut biex fil-logħob tan-nar kollox isir bil-prudenza u l-moderazzjoni fil-kwantità, fil-qawwa u fil-ħinijiet[24]. Il-Kappillani, Retturi tal-Knejjes, Fratellanzi u l-Kumitati marbutin mal-Knisja huma obbligati li jimxu fuq dawn in-normi:

a) Il-logħob tan-nar marbut mal-Festi tagħna għandu jħares il-liġijiet u r-regolamenti kollha tal-pajjiż[25]. Hija fehma komuni li għandu jsir progress fuq ir-regolamenti. L-Awtoritajiet tal-Knisja bħala organizzaturi tal-Festi reliġjużi lesti li jikkoperaw mal-Awtoritajiet Ċivili fil-qadi ta' dan is-servizz.

b) Fost l-oħrajn għandhom jitħarsu dawn il-liġijiet u/jew regolamenti ċivili:

i) il-liċenzjar tal-persuni

ii) id-daqs fiżiku tan-nar li jordnaw

23 Ara paragrafu 3.2 c).

24 Kunsill Rappreżentattiv Djoċesan, *Policy*, 19 ta' Jannar, 1988 par. 3.1.2; Ċirkolari tat-22 ta' Diċembru, 1995; Kulleġġ tal-Kappillani, Dokument dwar il-Festi tat-23 ta' Marzu, 2001; u Kummissjoni Ambjent tal-Arċidjoċesi bi tliet dokumenti fit-13 ta' Ġunju, 2006, fit-8 ta' Jannar, 2008 u fl-1 ta' Ottubru, 2008;

25 Kunsill tal-Kappillani: Stqarrija għall-Istampa tat-22 ta' Settembru, 2006, par. 2.

iii) il-ġarr tan-nar mill-kamra għall-post fejn ikun se jinħaraq iv) il-post fejn jinħażen in-nar
v) id-distanza rikjesta għall-ħruq u
vi) il-ħinijiet tal-ħruq.
c) Waqt l-armar u ż-żarmar tan-nar tal-art, meta jkun qed isir qrib knisja għandha tingħata attenzjoni biex ma jkunux imfixxkla l-funzjonijiet reliġjużi.

## 6. KUMITATI TAL-FESTA

6.1 Diversi parroċċi għandhom Kumitat tal-Festa li huwa marbut mal-parroċċa. Imma jeżistu forom differenti ta' dawn il-kumitati. Għandhom liema forma għandhom, la huma marbutin mal-parroċċa, dawn huma mwaqqfa biex ikunu ta' għajnuna lill-kappillan (jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli) fl-organizazzjoni tal-Festa. Għalhekk iridu jkunu tal-aqwa eżempju fl-imġiba tagħhom u f'dak li jippjanaw. Fihom ma jistax ikun hemm elementi ta' firda u pika.

6.2 Għalhekk, fil-parroċċi fejn jiċċelebraw l-Festa titulari u l-Festa sekondarja, u fil-parroċċi fejn jeżistu aktar minn każin jew grupp wieħed li jikkollabora b'mod dirett fl-organizazzjoni tal-Festa, mhux pastoralment sewwa u għaldaqstant mhux permess illi membri fil-Kumitat tal-Festa jkunu membri fil-Kumitat jew sotto-kumitat ta' dawn il-każini jew gruppi.

6.3 Il-ħidma ta' dawn il-kumitati hija apprezzata ħafna u fejn jeżistu, ħafna drabi fuqhom jaqa' l-piż kważi kollu tal-organizzazzjoni tal-Festa. Minħabba li matul iż-żmien twaqqfu kumitati minn dawn li ma ngħatawx struttura huwa meħtieg li jkunu ċċarati l-kompetenzi.

6.4 Il-Kumitat tal-Festa għandu d-dmir li jgħin lill-kappillan (jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli) fl-organizzazzjoni tal-Festa bil-pariri tiegħu u bil-ħidma prattika li jista' jwettaq il-Kumitat jew il-membri tiegħu. Dan il-kumitat għandu l-istatus ta' Kummissjoni tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali.

6.5 Fil-każ tal-parroċċi u knejjes djoċesani, fl-amministrazzjoni għandhom japplikaw għalihom ir-regoli li jorbtu l-parroċċa (statut, inventarju, *fund raising*, rendikonti finanzjarji, eċċ). Fil-każ ta' parroċċi u knejjes immexxija mir-reliġjużi, japplikaw ir-regoli tal-amministrazzjoni kif stabbiliti mill-Provinċjal.

6.6 Fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument, il-kappillani jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli, għandhom jibagħtu lid-Delegat tal-Arċisqof għas-Segretarjat Ħajja u Ħidma fil-Parroċċi, informazzjoni dwar jekk jeżistix kumitat tal-Festa fil-parroċċa tagħhom u kopja tal-istatut tiegħu jekk jeżisti.

6.7 Fi zmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument, il-Kanċillerija tal-Kurja għandha tippubblika Statut Bażiku għal dawn il-Kumitati. Sa sitt xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-Istatut, kull parroċċa li għandha Kumitat tal-Festa trid tibgħat fl-istess Kanċillerija għall-approvazzjoni ta' Monsinjur Arċisqof xi addattamenti li tkun qed tipproponi f'dan l-istatut bażiku.

## 7. FESTI OĦRA

7.1 F'xi parroċċi fejn fil-knejjes parrokkjali jkunu ċċelebrati l-Festa titulari u festa sekondarja, matul is-snin ingħaqdu Festi oħra li huma Festi liturġiċi u ta' devozzjoni biss.

7.2 Sa xahar wara l-pubblikazzjoni ta' dawn id-direttivi, il-kappillani jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli, jridu jibagħtu lill-Kanċillerija tal-Kurja tagħrif dwar xi jsir f'dawn il-Festi.

7.3 Dawn il-Festi għandhom ikunu ċċelebrati kif inhu xieraq b'mod li jkunu biss Festi liturġiċi u ta' devozzjoni, bla parteċipazzjoni ta' baned, bla logħob tan-nar u bla armar tat-toroq.

## 8. BORD INVESTIGATTIV

8.1 Ksur ta' xi wieħed minn dawn ir-Regolamenti, jew ħolqien ta' ambjent mhux xieraq għaċ-ċelebrazzjoni Nisranija tal-Festi, jista' jwassal biex titħassar il-Festa

reliġjuża, jew kollha kemm hi, jew parti minnha. Jekk jinkisru xi Regolamenti, jekk ikun il-każ is-sanzjonijiet ikunu japplikaw għall-Festa jew Festi li jkun imiss.

8.2 Soċjetajiet li jmorru kontra direttivi tal-Kurja dwar ċelebrazzjoni aktar Nisranija tal-Festi reliġjużi, inklużi dawn ir-Regolamenti, jistgħu jiffaċċjaw sanzjonijiet.

8.3 L-Awtorità Ekklezzjastika twaqqaf Bord biex jinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur ta' dawn ir-Regolamenti. Dan il-Bord ikun magħmul minn sitt membri maħtura mill-Awtorità Djoċesana: a) tlieta nominati, fosthom iċ-*Chairman* direttament mill-Awtorità Ekkleżjastika, b'wieħed minnhom nominat mill-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri Reliġjużi; b) żewġ rappreżentanti tal-Għaqda Każini tal-Banda; u c) rappreżentant tal-Għaqda Piroteknika.

8.4 Dan il-Bord jippreżenta rapport bir-riżultati tal-investigazzjonijiet tiegħu lill-Awtorità Ekkleżjastika għall-ġudizzju tagħha. L-Awtorità Ekkleżjastika tkun tista' tagħti kompetenzi oħra lil dan il-Bord f'konnessjoni mal-ħarsien ta' dawn ir-Regolamenti.

## 9. KONKLUŻJONI

9.1 Hija xewqa tal-Knisja f'Malta li l-Festi jkunu mument sabiħ fil-ħajja tal-komunità li tkun qed tiċċelebra fi triqtha lejn il-Mulej. Il-Knisja tifhem li r-regolamenti weħidhom mhumiex ser jaslu biex ibiddlu l-qlub u l-imħuħ tan-nies li jħobbu l-Festa tagħhom b'mod esaġerat u esklussiv.

9.2 Għalhekk dan id-dokument irid ikun akkumpanjat minn ħidma pastorali fost il-familji u t-tfal ħalli jagħrfu li Alla l-Imbierek waħdu huwa qaddis; l-istatwi mhumiex il-persui li jirrappreżentaw u li magħhom ma tista' qatt tinbena relazzjoni personali; li l-imħabba lejn il-proxxmu hija l-kejl ta' kemm aħna Nsara; li hija xhieda kbira ta' maturità li wieħed jagħraf il-ħafna tajjeb li hemm f'ħaddieħor u li dan huwa fuq kollox ħolqien xbieha ta' Alla u huwa ħija/oħti fil-fidi.

9.3 L-Operaturi Pastorali għandhom ifittxu li joħolqu u jkabbru inizjattivi ta' xejriet differenti li jqarrbu lejn xulxin in-nies tal-komunità, bid-differenzi kollha ta' bejniethom. B'din il-ħidma proattiva jista' jirnexxielna nwaqqgħu l-ħitan tal-firda u li jibdew naslu biex inkunu poplu wieħed u komunità waħda.

9.4 Kulħadd irid iżomm ċar f'moħħu li l-ħidmiet ewlenin tal-Knisja u tal-Parroċċi huma x-xandir tal-Kelma; it-tweġiba għal din il-Kelma permezz tal-qima; il-qadi tal-proxxmu biex l-imħabba lejn Alla tidher fl-imħabba tal-aħwa; u l-għaqda bejn il-membri tagħha għaliex il-Mulej ikun preżenti meta tnejn jew tlieta jinġabru f'Ismu. Jekk il-Festa ttellef jew taljena lill-komunità parrokkjali milli jitwettqu dawn il-ħidmiet pastorali, ma tkunx okkażjoni ta' ċelebrazzjoni vera kif jixtieq il-Mulej. Il-komunità parrokkjali m'għandhiex tħalli l-Festa ttellef milli hi tilħaq il-veru skop tagħha. Kull sena l-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kumitat tal-Festa (fejn hu l-każ) għandhom jagħmlu evalwazzjoni tal-Festa prinċipalment fuq dawn il-linji.

9.5 Għandha titwaqqaf Kummissjoni fi ħdan is-Segretarjat għall-Ħajja u Ħidma fil-Parroċċi biex jiġbor i-riflessjoniji mill-parroċċi u flimkien ma' dawk kollha involuti taħdem ħalli tingħata din il-formazzjoni meħtieġa u jsiru kampanji edukattivi ħalli l-Festi jsibu dan il-post li huwa xieraq għalihom u ċ-celebrazzjoni tagħhom tagħmel unur lil Alla, lill-qaddisin, lill-organizatturi, lil dawk kollha li jieħdu sehem fl-organizzazzjoni u lil dawk li jħobbu jżuruhom.

10 Il-kummenti u s-suġġerimenti dwar dan id-dokument u dwar il-festi għandhom jintbagħtu sa t-30 ta' Novembru, 2009
fuq l-indirizz: festi@maltadiocese.org
jew
Konsultazzjoni Festi
Kurja tal-Arċisqof
PO Box 29
Valletta VLT 1000



**Konsultazzjoni Festi**
Kurja ta' l-Arċisqof, PO Box 29, Valletta VLT 1000
Email: festi@maltadiocese.org